Qorti tal-Appell

(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell numru: 226/2009

**Richard Cachia Caruana (appellat)**

**Vs**

**Saviour Balzan (appellant)**

16 ta' Marzu, 2018.

1. B'rikors prezentat fid-19 ta' Gunju, 2009 fil-Qorti tal-Magistrati (Malta), l-attur harrek lill-konvenut b'riferenza ghall-artiklu *'Why protest and not vote'* li kien pubblikat fil-gazzetta MaltaToday tal-24 ta' Mejju, 2009, fejn inkiteb:

   *"Every time someone hints at bad governance, Gonzi'is wayward general hits back with a vengeance reminiscent of the Mintoff years. And when Gatt cannot napalm his adversaries or critics, Gonzi uses Richard Cachia Caruana, the man who want to become Malta's next EU commissioner. RCC acts as he has always acted, secretively calling on his army of sycophants to dish out bile and hate from their blogs and columns. They incite hatred and attempt to decimate any critics".*

2. Il-konvenut wiegeb illi fl-artiklu hemm biss fatti maghrufa u *fair comment* dwar kwistjoni ta' interess pubbliku, liema kummenti huma accettabbli f'socjeta demokratika. Ghalhekk l-uniku triq ghall-konvenut kienet li jaghti prova tal-verita tal-fatti li allega.

3. B'sentenza tal-10 ta' Novembru, 2016 il-Qorti tal-Magistrati (Malta) cahdet l-eccezzjoni u laqat it-talba tal-attur u kkundannat lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta' tlett elef ewro (€3,000) flimkien mal-ispejjez. Il-qorti qalet li mill-provi,

   *"… imkien ma jirrizulta ppruvat li huwa minnu li r-rikorrent jqabbad lil terzi persuni leali lejh biex jattakkaw u jkissru lil min ma jaqbilx mar-rikorrent, kif kien qieghed jaghti x'jifhem l-intimat….*

   *Jirrizulta, ghalhekk illi ghalkemm huwa minnu illi r-rikorrent kien, tul l-attivita tieghu fil-kamp pubbliku, ikun in kuntatt ma varji persuni involuti fil-mezzi tax-xandir, minn imkien ma jirrizulta ppruvat li r-rikorrent qatt kien jikkontrolla x'kellu jinkiteb mill-gurnalisti.*

   *Jirrizulta, di fatti, illi Daphne Caruana Galizia, illi kienet l-unika xhud gurnalista li pproduca l-intimat in sostenn tal-argument tieghu, u li kienet regolarment tissemma bhala l-persuna l-aktar vicina tar-rikorrent, cahdet kategorikament illi qatt giet influwenzata mir-rikorrent fil-kitba taghha u, kif tghid l-istess Daphne Caruana Galizia 'jiena nikteb dak li nhoss li ghandi*

*nikteb jien u jiena biss inhallas il-prezz tieghu ghax dawk huma affarijiet li nikteb jien u hadd ma jigi jghidli x'ghandi nikteb'"*.

4. Permezz ta' rikors prezentat fit-30 ta' Novembru, 2016 il-konvenut appella mis-sentenza. Fl-appell tieghu l-konvenut ta rendikont ta' dak li qalu x-xhieda u spjega li fl-artiklu oggett tal-kawza huwa kkritika lil Dr. Lawrence Gonzi ghall-manjiera kif mexxa. Kompla billi ghamel sottomissjonijiet legali dwar il-kuncett tal-*fair comment* u kkonkluda billi qal li ma jhossx li uza kliem ingurjuz fil-konfront tal-attur u ghalhekk it-talba ghad-danni kellha tigi michuda.

5. Min-naha tieghu l-attur wiegeb u pprezenta appell incidentali minn dik il-parti tas-sentenza li kkundannat lill-konvenut ihallsu s-somma ta' tlett ewlef ewro (€3,000), u fejn argumenta li dik is-somma tirraprezenta inqas minn 26% mill-massimu permess mil-ligi. L-attur isostni li l-artiklu oggett tal-kawza u artikli wara kienu ntizi biex *"jiffumenta stmerrija kontra l-attur li finalment wassal biex kien hemm vot fil-Parlament li wassal l-attur jirrizenja mill-karigu tieghu ta' Rapprezentant Permanenti ghall-Malta mal-Unjon Ewropea. Dan juri li l-ingurja kienet ta' gravita tali li ghenet jew wasslet biex id-deputati parlamentari jivvutaw kif jivvutaw"*.

6. Min-naha tieghu l-konvenut wiegeb ghall-appell incidentali fejn ta r-ragunijiet ghalfejn ghandu jigi michud.

7. Fis-seduta tal-1 ta' Dicembru, 2017 id-difensuri tal-partijiet iddikjaraw li ma kellhomx x'izidu ma' dak li hemm fl-atti.

8. Il-qorti qrat l-atti.

9. Fl-ewwel lok il-qorti tosserva li dak li kiteb il-konvenut ma kienx kumment izda allegazzjoni ta' fatt:

   *"RCC acts as he has always acted, secretively* ***calling on his army of sycophants to dish out bile and hate from their blogs and columns****"*.

   Fatt li l-konvenut rega' rrepeta per ezempju fl-ahhar tan-nota ta' sottomissjonijiet fejn qal:

   *"Ghalhekk fid-dawl tas-suespost dak li kiteb il-konvenut fil-konfront ta' tal-attur li kien persuna pubblika huwa gustifikat u li l-pubbliku ghandu dritt ikun jaf li* ***dawn l-attakki kienu organizzati minn gewwa u kontrollati mit-tim tal-istrategija tal-Partit Nazzjonalista****"*.

10. Fis-sentenza ***Lindon, Otchakovsky-Laurens and July v. France*** tat-22 ta' Ottubru 2007, il-Grand Chamber tal-Qorti Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem spjegat:

*"...in order to assess the justification of an impugned statement, a distinction needs to be made between statements of fact and value judgments.* ***While the existence of facts can be demonstrated, the truth of value judgments is not susceptible of proof****. The requirement to prove the truth of a value judgment is impossible to fulfil and infringes freedom of opinion itself, which is a fundamental part of the right secured by Article 10. The classification of a statement as a fact or as a value judgment is a matter which in the first place falls within the margin of appreciation of the national authorities, in particular the domestic courts.* ***However, even where a statement amounts to a value judgment, there must exist a sufficient factual basis to support it, failing which it will be excessive****".*

11. L-akkuza hi cara. Il-konvenut jallega li l-attur jinqeda bil-*bloggers* u gurnalisti sabiex ixerred velenu u mibeghda fil-konfront ta' haddiehor li jikkritika lil Dr. Lawrence Gonzi li dak iz-zmien kien il-Prim'Minsitru. Din m'hijiex opinjoni izda ***statement of fact***. Il-qarrej jinghata x'jifhem li l-attur bis-sahha ta' dawn il-persuni li jikkontrolla, jattakka lil dawk il-persuni li jikkritikaw lill-Prim'Ministru. Ghalhekk mill-bidunett tal-proceduri kien ovvju li d-difiza tal-konvenut ta' *fair comment* kienet ser tfalli. Dan ma kienx kaz fejn fl-artiklu l-konvenut ta ezempji u mbaghad ikkummenta, izda ghamel *sweeping statement of fact*. Dak li ddikjara fl-artiklu fil-konfront tal-attur ma kellu l-ebda bazi oggettiva jew fattwali.

12. Fin-nota ta' sottomissjonijiet li pprezenta quddiem l-ewwel qorti, il-konvenut argumenta (fol. 668):

*"Issa fil-kaz in dizamina l-attur ma ressaq l-ebda xhud u strah biss fuq ix-xhieda tieghu minkejja li l-konvenut semma diversi nies li jiehdu struzzjonijiet minghandu sabiex jattakkaw certi nies"*.

L-attur ma kellu bzonn iressaq l-ebda xhud biex juri li ma kienx jaghmel dak li allega l-konvenut. L-oneru tal-prova kien kollu fuq il-konvenut.

13. M'hemmx dubju li fiz-zmien li kien jahdem fl-ufficcju tal-Prim'Ministru, l-attur kien persuna pubblika. L-istess wara li nhatar Rapprezentant Permanenti ta' Malta ghall-Unjoni Ewropea. Persuna li kellha influwenza fil-Partit Nazzjonalista. Gordon Pisani stess xehed, *"Naturalment kienu perjodi ta' zmien fejn il-Partit Nazzjonalista kien sejjahlu sabiex ighinu ghall-elezzjoni generali, imbaghad naturalment f'dak iz-zmien ladarba jkun hemm hemm elezzjoni generali titkellem fuq kwistjonijiet lokali"* (fol. 250). L-istess xhud qal li l-attur kien jifforma parti minn *strategy group* fil-Partit Nazzjonalist li kien qieghed jiehu hsieb l-elezzjoni generali li saret fis-sena 2008. L-attur stess xehed per ezempju li kien:

- *campaign manager* tal-Partit Nazzjonalista fis-sena 1981 u 1987;

- parti minn *strategy group* tal-Partit Nazzjonalista f'numru ta' elezzjonijiet generali;
- Membru tal-ezekuttiv tal-Partit Nazzjonalista;

14. Li persuna pubblika tkun soggetta ghall-kritika hu mistenni u ghandu jkun accettat. Pero' f'dan il-kaz pjuttost minn kritika, il-konvenut ghamilha fatt li l-attur kellu 'regiment' ta' bloggers u gurnalisti qeghdin ghas-servizz tieghu biex ixerrdu l-mibeghda *(bile and hatred)* fil-konfront ta' terzi li kienu avversarji jew jikkritikaw lil Dr. Lawrence Gonzi. Dak li jissuggerixxi l-konvenut hu li permezz ta' *bloggers* u media, l-attur johloq stejjer fil-konfront biex jattakka lil terzi li huma kritici ta' Dr. Lawrence Gonzi.

15. Ghall-qarrej ordinarju hu evidenti li wahda mill-persuni li l-konvenut jimplika li kienu jifformaw parti mir-'regiment' tal-attur, kienet Daphne Caruna Galizia li kellha *blog* fejn principalment kienet tikteb dwar persuni fi hdan il-Partit Laburista jew qrib tieghu.

16. Mill-provi rrizulta kif per ezempju ftit granet qabel l-elezzjoni li saret fit-8 ta' Marzu 2008, Jeffrey Pullicino Orlando ittiehed ghand Daphne Caruana Galizia sabiex tiktiblu artiklu li kellu jigi pubblikata fil-gazzetta dwar il-kaz ta' zvilupp fil-Mistra. Jakkumpanjah kien hemm Gordon Pisani, impjegat tal-Partit Nazzjonalista. Dwar dan l-inkontru, l-attur xehed li kien **jiddubita** li qal lil Pullicino Orlando sabiex imur ghand Caruana Galizia (fol. 271). Il-qorti ssibha difficli temmen dan l-istat ta' ncertezza fl-attur. Wiehed irid jiftakar li f'dak iz-zmien l-attur kien jifforma parti minn *strategy group* ghall-elezzjoni. Il-kaz tal-Mistra kien faqqa' fir-*run up* ghall-elezzjoni. Kaz li jidher li gab certu paniku fil-kamp tal-Partit Nazzjonalista fejn il-kandidat Jeffrey Pullicino Orlando gie mpingi bhala l-vittma ta' montatura li saret mill-Partit Laburista u l-Kap tal-Opposizzjoni Dr. Alfred Sant. Hu evidenti li l-Partit Nazzjonalista, fi zmien daqstant kritiku ried jaghmel *damage limitatation* u jidher li fost'affarijiet ohra nqeghda biss servizzi ta' Caruana Galizia biex tikteb ittra ghal Pullicino Orlando. Gordon Pisani qal, *"…. **ma nistax niftakar** min kien issuggerixxa illi mmorru ghand Daphne Caruana Galizia…"* (fol. 251). Hu minnu li xehed fis-sena 2015, igifieri seba' snin wara. Madankollu x-xhud kien direttament involut fix-xoghol li kien qieghed isir qabel l-elezzjoni u kien akkumpanja lil Pullicino Orlando ghand Caruana Galizia. Ghalhekk ghall-qorti difficli temmen li ma jiftakarx min hareg bl-ideja li Pullicino Orlando jmur ghandha biex tiktiblu ittra. Inoltre', Caruana Galizia kienet maghrufa ghall-pinna tajba u l-kritika assidwa fil-konfront tal-Partit Laburista u nies qrib tieghu. Inoltre, Caruana Galizia stess xehedet li kienet habiba tal-attur (seduta tal-10 ta' Ottubru, 2011, fol. 70). L-attur stess xehed li s-suggeriment lil Pullicino Orlando kien biex, *"… jikteb fit-Times u jispjega l-fatti. U hu ma kienx f'posizzjoni li jaghmilha. **U tlabna lil Daphne Caruana Galizia tghinu**. Meta qed nghid 'tlabna' qed nghid 'tlabna', ghax ma nistax nghid li l-idea kienet tieghi jew ta'*

*Gordon"* (fol. 273). Ghall-qorti m'hemmx dubju li kienu ufficjali tal-Partit Nazzjonalista li baghtu lil Pullicino Orlando ghand Caruana Galizia.

17. Madankollu l-akkuza li ghamel il-konvenut fil-konfront tal-attur hi ghal kollox differenti minn dak li gara fil-kaz tal-Mistra.

18. Il-konvenut ressaq numru ta' xhieda. Il-qorti tifhem li dawn ix-xhieda tressqu bil-ghan li juri li dak li kiteb hu minnu.

19. Jeffrey Pullicino Orlando xehed li Caruana Galizia kienet qaltlu li l-attur kien talabha biex tattakkah (fol. 76)[1]. Min-naha taghha Caruana Galizia cahdet; *"Dwar il-kwistjoni jekk jiena qattx semmejt l-isem Richard Cachia Caruana bhala persuna li kienet qed jaghmel pressure biex jiena nikteb kontrih, nghid li dana mhux minnu"* (fol. 77). Meta tqis is-snin twal ta' hbiberija li kien hemm bejn l-attur u Caruana Galizia u zewgha, il-qorti tikkonkludi li hu ghal kollox improbabbli li Caruana Galizia qalet lil Pullicino Orlando li l-attur qalilha biex tikteb dwaru u tattakkah. Dan iktar u iktar meta fir-rigward tal-kaz tal-Mistra, Pullicino Orlando qal li ma marx minn jeddu ghand Caruana Galizia ghaliex ma kienx jafha.

20. Xhud iehor tal-konvenut kien Jesmond Mugliette, li kien membru tal-parlament fuq in-naha tal-Partit Nazzjonalista u ghamel zmien jokkupa l-karigi ta' Segretarju Paralmentari u Ministru (fol. 93-97). Minn dik id-deposizzjoni m'hemmx l-icken hjiel li jikkonferma li dak li kiteb il-konvenut hu l-verita'. L-istess fir-rigward ta' dak li xehed Patrick Calleja (fol. 101-104 u fol. 139-142) li xehed dwar il-kaz ta' missieru, li kien Il-Kap Kmandant tal-Forzi Armati u f'Jannar 1993 irrizenja mill-kariga. Hemm provi li dwar dan il-kaz Caruana Galizia kienet ikkomunikat mal-attur; *"Jiena dak il-hin cempilt lir-Richard Cachia Caruana biex nistaqsieh jekk huwiex veru jew le, u Cachia Caruana kkonfermali li dak kien veru u li jekk il-Brigadier ma kienx ser jirrizenja minn jeddu, huwa kien ser jigi mgieghel li jirrizenja"* (deposizzjoni ta' Caruana Galizia fil-kaz **Il-Pulizija vs Meinrad Calleja**, seduta tat-30 ta' Lulju, 1996). Dwar dak li qal l-attur lil Caruana Galizia, ma jirrizultax li kien hemm tentattiv biex ixerred affarijiet li mhumiex minnhom. Il-prova tista' sservi biex turi li Caruana Galizia, bhall-gurnalisti ohra, kellha '*filo diretto'* mal-attur. Wiehed pero' jrid jiftakar ukoll li f'dak iz-zmien l-attur kien kap tas-segretarjat tal-Prim'Ministru. B'daqshekk ma jfissirx li l-attur kien juza lil Caruana Galizia jew gurnalisti ohra sabiex ixerrdu l-mibgheda fil-konfront ta' terzi li kienu avversarji tal-Partit Nazzjonalista.

[1] Pero' f'seduta precedenti kien xehed, *"Mistoqsi jekk l-isem ta' Richard Cachia Caruana kienx qed jiffigura minn dawn is-sorsi li kienu qed jinghaduli, nghid illi l-informazzjoni nghatatli fuq bazi personali u fuq bazi kunfidenzjali"* (fol. 61).

21. Xehed ukoll John Dalli, li qal, *"**U jiena nissuspetta** bi kbir illi l-persuna wara dan il-pjan kollu ta' attakki ma huwa hadt iktar minn Richard Cachia Caruana"* (fol. 145). Pero' l-kawzi fil-qrati tal-gustizzja jigu decizi. Ghalkemm John Dalli xehed kemm-il darba, hu evidenti li l-konkluzjoni tieghu hi bazata fuq suspetti u xejn iktar. L-istess xhud qal: *"Anzi nixtieq nikkoregi dak li ghadni kif ghidt, fis-sens illi nixtieq nghid illi **jiena kelli nformazzjoni** illi Steve Mallia **kien qal** illi kien qed jigi uzat minn Richard Cachia Caruna"* (fol. 155B). F'seduta wara qal, *"… ghandi statements ta' persuna illi semgha lil Steve Mallia jghid illi fil-kaz tieghi Richard Cachia Caruna biex hu jaghmel pressure biex jiena nirrizenja"* (fol. 177). F'dan ir-rigward il-provi huma inezistenti. L-attur lanqas biss ma harrek lil Steve Mallia bhala xhud. L-istess xhud ipprezenta wkoll diversi artikli li kienu pubblikati f'gazzetti lokali; *"Jiena qed nezebixxi bhala dokument JD1 lista li juri 55 artikolu illi dehru ppubblikati minn l-ewwel (1) ta' Gunju 2004 sat-22 ta' Lulju 2004, u qieghed ukoll nannetti l-istess artikli li kienu dehru"* (fol. 175). Pero' b'daqshekk ma jfissirx li l-attur kien l-instigatur wara dawk l-artikli.

22. Xehed ukoll il-konvenut li qal li, *"Cachia Caruana kien qieghed wara l-leakages u spin fil-gazzetti permezz ta' bosta gurnalisti u edituri"*. Pero' dwar dak li allega fl-artiklu fil-konfront tal-konvenut, ressaq bhala xhud lil Daphne Caruana Galizia biss. Ma ressaq l-ebda gurnalist jew xi *blogger* iehor. Imbaghad isemmi ezempji li m'ghandhom x'jaqsmu xejn mal-allegazzjoni li ghamel fl-artiklu. Il-kaz tar-rizenzja tal-Brigadier Calleja kien kaz ta' ahbar u ma kellu x'jaqsam xejn ma' *"bile and hate from their blogs and columns"* fil-konfront tal-avversarji ta' Dr. Lawrence Gonzi. M'hemmx prova li l-attur, fiz-zmien li rrizenja l-Kap Kmandant tal-Forzi Armati, kellu xi haga kontra din il-persuna. L-istess fejn qal li, *"Permezz ta' diversi gurnalisti, Cachia Caruana kien ipoggi stejjer biex jigu preferuti tenderers minn ohrajn. Fost dawn il-gurnalisti kien hemm Jesmond Bonello, Natalino Fenech, u Karl Stagno Navarra"* (fol. 21). Hadd minnhom ma tressaq bhala xhud u m'ghandu x'jaqsam xejn ma' dak li nkiteb fl-artiklu. Semma wkoll li Caruana Galizia kienet inghatat kuntratt tal-Gvern mill-Ministeru tal-Affarijiet Barranin. F'dan ir-rigward ipprezenta dokument SB2 li fih kien jinghad li kienet qeghda tithallas Lm12,990 ghal dan l-inkarigu (fol. 30). Pero' din mhijiex prova li l-attur kien jikkontrolla lil Caruana Galizia u jgieghla tikteb dak li trid. L-istess jinghad ghal dak relatat mal-offerta li ghamlet Alterra Consortium fir-rigward tal-privatizazzjoni tal-ajruport.

23. Ghalkemm hu evidenti li dak li kiteb il-konvenut hi konvinzjoni tieghu, b'daqshekk ma jfissirx li hi l-verita. Fir-rikors tal-appell argumenta, *"Apparti dawn ix-xhieda l-appellant xehed fit-tul u sahansitra anke esebixxa numru ta' dokumenti sabiex jissostanzja dak li **emmen fih**"* (fol. 4). Pero' dak li *'emmen fih'* il-konvenut m'huwiex prova tal-verita' tal-fatti li allega fil-konfront tal-attur. Hu mistenni li l-attur fil-karigi gholjien li kellu matul is-snin u r-rwol li

kellu fil-Partit Nazzjonalista, kien ser ikollu kuntatt fil-vicin ma' diversi gurnalisti u ma whud minnhom kien ser ikollu relazzjoni ahjar minn ma' ohrajn. Relazzjoni tali li taf twassal biex ikollhom informazzjoni qabel haddiehor. Pero' fl-artiklu l-konvenut ma kienx qieghed jallega dan izda li l-attur kien juza lil dawn in-nies bhala *'lackeys'* tieghu sabiex ixerred il-mibeghda kontra dawk li jikkritikaw lill-Prim'Ministru.

24. Ghal dak li jirrigwarda dokumenti li pprezenta l-konvenut (ara per ezempju fol. 29-53), dawn huma artikli pubblikati f'gazzetti lokali jew *press release* u li bl-ebda mod ma jista' jinghad li huma prova li probabilment dak li allega l-konvenut hu veru.

25. Fir-rikors tal-appell saret ukoll riferenza ghall-artiklu *'OPM leak to Caruana Galizia proves line of communication between PN and blogger'* li nkiteb fi Frar, 2011 (fol. 248). Artiklu li mkien ma jsemmi lill-attur u li m'huwiex ta' ebda valur probatorju.

26. Minghajr ezitazzjoni l-qorti tikkonkludi li l-konvenut ma tax prova li l-attur kien qieghed jinqeda b'regiment ta' *bloggers* u gurnalisti li kienu servili lejh, *"to dish out bile and hate from their blogs and columns"*. Il-verita' tal-fatt allegat kellha ssir mill-konvenut. Prova li ma saritx.

27. Il-qorti lanqas ma tista' taqbel mal-konvenut li dak li qal fil-konfront tal-attur m'huwiex malafama. Il-konvenut ghamel *statement of fact* li m'hemmx dubju jattakka r-reputazzjoni tal-attur. B'dak li qal fuqu pingieh bhala persuna ta' *mala fede* u bla skrupli li kien jinqeda bil-*media* u *bloggers* biex jattakka l-avversarji tal-Prim'Ministru ta' dak iz-zmien. Ghall-qarrej ordinarju dawk il-kliem setghu jfissru biss li l-attur jippersegwita lilll-avversarji u lil dawk li jikkritikaw lill-Prim'Ministru.

28. Ghal dak li jirrigwarda l-appell incidentali, l-attur jippretendi li l-ewwel qorti kellha tillikwida somma iktar minn tlett elef ewro (€3,000) bhala danni. Ir-ragunijiet li nghataw mill-attur sabiex jiggustifika li s-somma ghandha tizdied, ma jikkonvincux lill-qorti. M'hemmx dubju li l-attur ghamel snin twal *prime target* tal-konvenut. Madankollu l-ewwel qorti kellha tillikwida danni morali fir-rigward tal-artiklu pubblikat fl-24 ta' Mejju 2009 u xejn iktar. Dan apparti li l-attur ma kienx is-suggett principali tal-artiklu oggett tal-kawza, u m'hemmx l-icken prova li r-rizenja mill-kariga ta' Rapprezentant Permanenti ghall-Malta mal-Unjoni Ewropea kellha x'taqsam ma' dak li kiteb il-konvenut fl-artiklu oggett tal-kawza. Avveniment li sehh snin wara l-artiklu in kwistjoni wara vot li ttiehed fil-Kamra tar-Rapprezentanti. Fl-appell incidentali l-attur ghamel ukoll riferenza ghal fatt li l-konvenut xehed li, *"..l-attur kien jordna li jigu ppubblikati stejjer biex jigi preferut tenderer (f'tender pubbliku) fuq iehor. Kieku veru, dan iwassal ghal 'imgieba kriminuza' "*. Pero' d-danni gew likwidati

b'riferenza ghal dak li kiteb u gie ppubblikat u mhux fir-rigward ta' dak li xehed fil-qorti.

**Ghal dawn il-motivi tichad l-appell tal-konvenut bl-ispejjez kontra tieghu u l-appell incidentali bl-ispejjez kontra l-attur.**

Anthony Ellul.